



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Lussemburgu, 17 ta' Ġunju 2019
(OR. en)

10048/19

CFSP/PESC 457
CSDP/PSDC 285
COPS 181
POLMIL 64
CIVCOM 88

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	17 ta' Ġunju 2019
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 10047/19	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sigurtà u d-Difiża fil-kuntest tal-Istrateġija Globali tal-UE - Konklużjonijiet tal-Kunsill (17 ta' Ġunju 2019)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sigurtà u d-Difiża fil-kuntest tal-Istrateġija Globali tal-UE, adottati mill-Kunsill fit-3700 laqgħa tiegħu li saret fis-17 ta' Ġunju 2019.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR IS-SIGURTÀ U D-DIFIŻA**FIL-KUNTEST TAL-ISTRATEĠIJA GLOBALI TAL-UE****Introduzzjoni**

1. Sa mit-tnedija tal-Istrateġija Globali tal-UE f'Ġunju 2016, l-UE ħadet passi rivoluzzjonarji 'l quddiem fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża. Il-Kunsill jilqa' l-progress sostantiv li sar biex tissaħħaħ is-sigurtà tal-Unjoni u r-rwol tagħha bħala garanti tas-sigurtà u attur globali, inkluż permezz tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK). It-theddid u l-isfidi kumplessi u li qed jevolvu tal-lum jeħtieġu rispons komprensiv tal-UE, fir-rabtiet bejn is-sigurtà interna u esterna kif ukoll bl-użu tal-approċċ integrat għall-kunflitti u l-kriżijiet.
2. Il-Kunsill jissottolinja l-ħtieġa li jinżamm il-momentum permezz tal-involviment kontinwu tal-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE. L-iżgurar ta' implimentazzjoni konsistenti tal-azzjonijiet immedija huwa meħtieġ biex jitwettaq b'mod effettiv il-Livell ta' Ambizzjoni tal-UE, miftiehem mill-Kunsill f'Novembru 2016, f'dak li jirrigwarda t-tisħiħ tal-kapaċità tagħna li nwieġbu għal kunflitti u kriżijiet esterni, nibnu l-kapaċitajiet tas-sħab u nipproteġu lill-UE u ċ-ċittadini tagħha. Huwa jfakkar fil-gwida pprovduta mill-Kunsill Ewropew f'dan ir-rigward f'bosta okkażjonijiet kif ukoll f'konklużjonijiet preċedenti tal-Kunsill.

3. Għalhekk il-Kunsill jittlob li ssir implimentazzjoni koerenti u orjentata lejn ir-riżultati tal-inizjattivi ta' sigurtà u ta' difiża - b'mod partikolari l-Kooperazzjoni Strutturata Permanenti (PESCO), permezz tal-użu tal-Pjan ta' Żvilupp tal-Kapaċitajiet (CPD) u r-Rieżami Annwali Koordinat dwar id-Difiża (CARD), kif ukoll il-Patt dwar id-Dimensjoni Ċivili tal-PSDK u r-rinfurzar miftiehem ta' strutturi ċivili u militari - flimkien mal-istrumenti ġodda importanti li l-UE qed tħejji għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss - inkluż il-Fond Ewropew għad-Difiża (EDF) u l-pakkett tal-Mobbiltà Militari tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa. Barra minn hekk, il-Faċilità Ewropea għall-Paċi proposta barra mill-baġit qed titqies mill-Istati Membri. Jenfasizza wkoll il-kontribut importanti tal-mekkaniżmu Athena u jistenna bil-ħerqa t-tlestija tal-analiżi tiegħu li għaddejja bħalissa. Jissottolinja l-importanza ta' biżżejjed għarfien espert fl-istituzzjonijiet tal-UE biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva ta' dawn l-inizjattivi u l-istrumenti.
4. Billi tindirizza l-ħtiġijiet attwali u futuri tal-Ewropa fis-sigurtà u d-difiża, l-UE qed ittejjeb il-kapaċità tagħha li taġixxi bħala garanti tas-sigurtà, l-awtonomija strateġika tagħha u l-kapaċità tagħha li tikkoopera mas-sħab. Il-Kunsill jappella għal aktar riflessjoni strateġika dwar dawn il-kwistjonijiet bil-għan li l-Unjoni Ewropea terfa' aktar responsabbiltà għas-sigurtà Ewropea mas-sħab kull fejn possibbli u waħidha meta meħtieġ, fil-ħarsien tal-valuri u l-interessi tal-UE. Dan jeħtieġ fost l-oħrajn valutazzjoni kondiviża tat-theddid u l-isfidi, li tiżgura riżorsi adegwati skont l-impenji tal-PESCO biex b'hekk jiżdiedu l-kapaċità u l-kapaċitajiet meħtieġa biex id-deċiżjonijiet tal-UE jiġu implimentati b'mod effettiv u koerenti, kif ukoll Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB) aktar integrata, sostenibbli, innovattiva u kompetittiva madwar l-Unjoni, li tibqa' miftuħa għall-kooperazzjoni. Il-Kunsill, f'konformità mal-konklużjonijiet tiegħu ta' Novembru 2017, itenni li dan ser isahha ukoll l-isforzi kollettivi tagħna, b'mod partikolari wkoll fil-kuntest tar-relazzjoni transatlantika, u ser ittejjeb il-kontribut Ewropew għal ordni globali bbażat fuq ir-regoli bin-NU fil-qalba tiegħu u għas-sigurtà Ewro-Atlantika.

5. F'dan il-kuntest, il-Kunsill ifakkar fil-konklużjonijiet tiegħu dwar it-tisħiħ tas-sħubija strateġika bejn in-NU u l-UE fuq operazzjonijiet ta' paċi u ġestjoni tal-kriżijiet ta' Settembru 2018, jenfasizza l-kooperazzjoni dejjiema bejn in-NU u l-UE fiż-żamma tal-paċi u l-ġestjoni ta' kriżijiet ċivili, tal-pulizija u militari u jissottolinja l-importanza li titkompla l-kooperazzjoni mill-qrib bejn l-UE u n-NU.

Il-Kunsill ifakkar li l-implimentazzjoni rapida u b'mod evidenti taż-żewġ Dikjarazzjonijiet Konġunti dwar il-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO ffirmata f'Varsavja f'Lulju 2016 u fi Brussell f'Lulju 2018 mill-President tal-Kunsill Ewropew, il-President tal-Kummissjoni Ewropea u s-Segretarju Ġenerali tal-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana għadha prijorità politika ewlenija bl-għan ġenerali li tinbena relazzjoni ġenwina bejn l-organizzazzjonijiet b'ħidma mal-Istati Membri kollha u għall-ġid tagħhom. Il-Kunsill jilqa' l-kooperazzjoni kontinwa mill-qrib u ta' tisħiħ reċiproku man-NATO f'oqsma ta' interess komuni, b'rispett sħiħ tal-prinċipji ta' inklużività, reċiproċità u awtonomija fit-teħid tad-deċiżjonijiet taż-żewġ organizzazzjonijiet.

F'dan il-kuntest, il-Kunsill illum:

Missjonijiet u operazzjonijiet tal-PSDK

6. Jenfasizza l-kontribut sinifikanti tal-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK għall-paċi u l-istabbiltà internazzjonali, bħala parti essenzjali mill-approċċ integrat tal-UE għall-kunflitti u l-kriżijiet. L-UE bħalissa tuża għaxar missjonijiet ċivili tal-PSDK u sitt operazzjonijiet militari tal-PSDK madwar tliet kontinenti li fihom bħalissa huma skjerati madwar 4.500 raġel u mara. Huwa jesprimi l-apprezzament tiegħu għall-ħidma mwettqa mill-persunal ċivili u militari kollu li jipparteċipa fihom. Ihegġegħ lill-Istati Membri jipprovdu l-mezzi u l-persunal meħtieġa biex dawn il-missjonijiet u l-operazzjonijiet iwettqu l-kompiti tagħhom b'mod effettiv. Ifakkar li l-UE għandha għarfien espert qawwi fl-oqsma operazzjonali kollha, inkluża preżenza f'żoni strateġiċi marittimi, u jitlob b'mod partikolari għal riflessjoni strateġika dwar il-preżenza marittima globali tal-UE, filwaqt li titqies l-Istrateġija tas-Sigurtà Marittima tal-UE u l-pjan ta' azzjoni relatat għall-implimentazzjoni tagħha.

7. Ifakkar fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Novembru 2018 fir-rigward tal-għan għall-2020 tal-Kapaċità Militari tal-Ippjanar u t-Tmexxija (MPCC) u jisħaq li din għandha tingħata r-riżorsi umani meħtieġa, biex tinbena b'mod gradwali, suffiċjenti u f'waqtu. Itenni wkoll il-koordinazzjoni ċivili-militari mill-qrib bejn l-MPCC u l-kontroparti ċivili tiegħu, il-Kapaċità Ċivili tal-Ippjanar u t-Tmexxija (CPCC), permezz taċ-Ċellula Konġunta ta' Koordinazzjoni fil-qasam tal-Appoġġ (JSCC).

Tibdil fil-klima

8. Jissottolinja l-importanza ta' kwistjonijiet ambjentali u t-tibdil fil-klima għas-sigurtà u d-difiża, kif deskritt fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-Diplomazija dwar il-Klima ta' Frar 2019. Il-Kunsill jilqa' wkoll iż-żieda fis-sensittività għall-klima tal-azzjonijiet tal-UE għall-prevenzjoni tal-kunflitti u s-sigurtà sostenibbli u jenfasizza l-ħtieġa ta' strateġiji adegwati ta' ġestjoni tar-riskju u ta' valutazzjoni tar-riskju. Jirrikonoxxi r-rilevanza tat-tibdil fil-klima għall-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK, inkluż l-impatt tiegħu fuq l-ippjanar u l-iżvilupp tal-kapaċitajiet militari. Il-Kunsill jistenna bil-ħerqa li jkompli jaħdem u jsaħħaħ il-kooperazzjoni fost l-atturi differenti fuq il-fergħat ta' ħidma rilevanti kollha fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża, jiġifieri billi jqis l-impatt tat-tibdil fil-klima fi ħdan il-valutazzjoni tat-theddid u l-isfidi globali.

Patt dwar id-Dimensjoni Ċivili tal-PSDK

9. Ifakkar fl-adozzjoni tiegħu tal-Patt dwar id-Dimensjoni Ċivili tal-PSDK, flimkien mar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, f'Novembru 2018, u jafferma mill-ġdid dan l-impenn biex il-PSDK ċivili ssir aktar kapaċi, aktar effettiva, flessibbli u reattiva, kif ukoll aktar magħquda ma' atturi u politiki oħra tal-UE u mas-sħab. Jenfasizza l-importanza li tiġi żgurata implimentazzjoni sħiħa u koerenti f'dawn it-tliet raggruppamenti.
10. Jistenna bil-ħerqa l-ewwel Konferenza ta' Rieżami Annwali prevista fit-tieni nofs tal-2019 biex jitqies il-progress tal-implimentazzjoni tal-Patt fit-tliet raggruppamenti kemm fil-livell nazzjonali, abbażi tal-Pjanijiet ta' Implimentazzjoni Nazzjonali, kif ukoll fil-livell tal-UE, abbażi tal-Pjan ta' Azzjoni Konġunt.

11. Jilqa' l-ħidma li saret fuq il-Pjan ta' Azzjoni Konġunt mis-SEAE u s-servizzi tal-Kummissjoni li fih jiddeskrivu l-firxa ta' azzjonijiet li għandhom jittieħdu fil-livell tal-UE biex tiġi appoġġata l-implimentazzjoni tal-Patt dwar id-Dimensjoni Ċivili tal-PSDK. Jinnota li l-ħidma għall-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Konġunt diġà bdiet u f'dan ir-rigward jistieden lis-SEAE u s-servizzi tal-Kummissjoni jipproduċu riżultati konkreti sal-Konferenza ta' Rieżami Annwali.
12. Wara l-Konferenza ta' Rieżami Annwali dwar il-PSDK Ċivili, il-Kunsill ser jerġa' lura għall-kwistjoni f'Novembru biex jagħti gwida politika u jipprovdi direzzjoni għall-ġejjieni.

Koerenza

13. Jilqa' r-rapport tar-Rappreżentant Għoli/Viċi President tal-Kummissjoni/Kap tal-Aġenzija dwar l-interazzjonijiet, ir-rabtiet u l-koerenza fost l-inizjattivi ta' difiża tal-UE (CARD, PESCO, EDF) li jikkontribwixxu biex jintlaħaq il-Livell ta' Ambizzjoni tal-UE fis-sigurtà u d-difiża kif mislut mill-Istrateġija Globali tal-UE, u b'hekk biex tissaħħaħ il-kapaċità tal-Unjoni li terfa' aktar responsabbiltà bħala garanti tas-sigurtà. Il-Kunsill jissottolinja li dan ir-rapport huwa l-bidu ta' sforz kontinwu biex tiġi żgurata l-koerenza fost l-inizjattivi ta' difiża tal-UE, abbażi ta' proċess inklużiv li jinvolvi l-Istati Membri kollha tal-UE.
14. Jenfasizza, f'dan ir-rigward, il-progress tajjeb li sar, flimkien mal-Istati Membri, fl-iżgurar li dawn l-inizjattivi, filwaqt li huma distinti u għandhom bażijiet legali differenti, ikunu konsistenti u jsaħħu lil xulxin, u jissejsu wkoll fuq il-koordinazzjoni mill-qrib bejn l-istituzzjonijiet u l-korpi ta' appoġġ fil-livell tal-UE (il-Kummissjoni, is-SEAE, l-EDA).

15. Jitlob li jsiru sforzi kontinwi, fuq il-linji stipulati fir-rapport, biex jiżdiedu aktar is-sinerġiji bejn l-inizjattivi ta' difiża tal-UE u tissaħħaħ il-koordinazzjoni bejn l-atturi rilevanti tal-UE, bil-għan li jiżdiedu l-effiċjenza u r-riżultati tal-kooperazzjoni fid-difiża bil-għan tat-titjib tal-kapaċitajiet Ewropej. Filwaqt li jfakkar f'dan il-kuntest li, kif miftiehem fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Ġunju 2018, il-Prijoritajiet tal-Iżvilupp tal-Kapaċitajiet tal-UE, li jqisu n-nuqqasijiet fil-kapaċitajiet militari tal-PSDK, il-kapaċità fit-tul u x-xejriet teknoloġiċi, il-pjanijiet ta' difiża tal-Istati Membri, u t-tagħlimiet mill-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK, jipprovdu referenza ewlenija għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet tal-Istati Membri u tal-UE, il-Kunsill jistenna bil-ħerqa li jirċievi l-Każijiet ta' Kuntesti Strateġiċi relatati wara l-approvazzjoni tagħhom mill-Bord ta' Tmexxija tal-EDA fl-aħħar ta' Ġunju 2019.
16. Jenfasizza l-ħtieġa li tkompli tissaħħaħ il-koerenza fil-kalendarji tal-proċessi differenti biex jiġu żviluppati aktar l-interazzjonijiet, filwaqt li fl-istess ħin l-Istati Membri jiġu mħeġġa jinkorporaw l-inizjattivi ta' difiża tal-UE fil-proċessi ta' ppjanar tad-difiża nazzjonali. L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE huma mħeġġa jiffaċilitaw, fejn possibbli, il-konsistenza relatata mar-rappurtar tal-Istati Membri u jappoġġawhom f'dan ir-rigward.
17. Iħeġġeġ aktar tisħiħ tar-rabta bejn l-iżvilupp tal-kapaċitajiet u d-disponibbiltà operazzjonali tal-forzi għall-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK, anki fid-dawl tal-impenji tal-PESCO.
18. Jistieden lir-Rappreżentant Għoli/Viċi President tal-Kummissjoni/Kap tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża biex tibqa' tippromwovi l-implimentazzjoni koerenti tal-inizjattivi tad-difiża (CARD, PESCO, EDF) b'koordinazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u tinvolvi kooperazzjoni mill-qrib bejn is-SEAE, is-servizzi tal-Kummissjoni u l-EDA.

19. Jaqbel li jerġa' lura għall-kwistjoni f'Novembru 2019 biex jiġi vvalutat il-progress li sar inkluż abbażi ta' aktar kontribut mill-Istati Membri, fid-dawl tat-tieni rapport mir-Rappreżentant Għoli/Viċi President tal-Kummissjoni/Kap tal-Aġenzija dwar il-koerenza f'Mejju 2020. Abbażi ta' dan ir-rapport, il-Kunsill ser jipprovdi gwida dwar it-titjib tar-rabtiet u s-sinerġiji bejn l-inizjattivi ta' difiża rilevanti bil-għan li jintlaħaq il-Livell ta' Ambizzjoni.

Kooperazzjoni Strutturata Permanenti (PESCO)

Fil-qafas tal-Kooperazzjoni Strutturata Permanenti (PESCO):

20. Jilqa' t-tlestija tal-ewwel ċiklu annwali tal-PESCO kif ukoll il-progress li sar mill-Istati Membri parteċipanti biex jissodisfaw l-impenji aktar vinkolanti, b'mod partikolari dawk relatati ma' baġits għad-difiża, investment konġunt fid-difiża u l-użu inizjali ta' għodod, inizjattivi u strumenti tal-UE fl-ippjanar tad-difiża nazzjonali, bħas-CDP, CARD u EDIDP, u jistieden lill-Istati Membri parteċipanti biex jagħmlu progress sinifikanti biex ikomplu jindirizzaw l-impenji aktar vinkolanti f'oqsma oħra, kif stipulat fir-Rakkomandazzjoni li l-Kunsill adotta fl-14 ta' Mejju 2019, abbażi tal-ewwel Rapport Annwali mir-Rappreżentant Għoli dwar l-istatus tal-implimentazzjoni tal-PESCO.
21. Ifakkar li l-Istati Membri parteċipanti ser ikomplu bil-ħidma u jikkonċentraw fuq l-implimentazzjoni rapida u effettiva tal-34 proġett eżistenti tal-PESCO u jhegħġiġhom iressqu b'mod konġunt proposti ġodda għal proġetti, li ser jiġu vvalutati, fost kriterji oħra, fuq il-livell ta' maturità tal-proposta għal proġett u ħarsa ġenerali inizjali lejn ir-riżorsi finanzjarji u riżorsi neċessarji oħra tagħha, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Lulju 2019, filwaqt li titqies il-gwida pprovduta fir-Rakkomandazzjoni adottata fl-14 ta' Mejju, bil-ħsieb li tiġi aġġornata d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1797 f'Novembru 2019. Il-Kunsill jenfasizza wkoll li l-proġetti li għandhom jiġu implimentati taħt il-PESCO jikkonċentraw fuq l-iżvilupp tal-kapaċitajiet ta' difiża u t-titjib tad-disponibbiltà operazzjonali tal-forzi. Huwa mfakkar li l-membri tal-proġett għandhom il-possibbiltà li jinvolvu lill-Kummissjoni, kif xieraq, fil-proċedimenti tal-proġett, f'konformità mar-regoli ta' governanza għall-proġetti PESCO.

22. F'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2017 u tat-18 ta' Novembru 2018, jirrikonoxxi li Stat terz jista', u jkun jeħtieġ li, jipprovdi valur miżjud sostanzjali għall-proġetti tal-PESCO, jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-PESCO u l-PSDK u jħares impenji aktar diffiċli, filwaqt li jirrispetta bis-sħiħ il-prinċipju tal-awtonomija fit-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE u l-Istati Membri tagħha. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jistenna bil-ħerqa l-adozzjoni kemm jista' jkun malajr ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-kundizzjonijiet ġenerali li skonthom Stati terzi jistgħu eċċezzjonalment jiġu mistiedna jipparteċipaw fi proġetti individwali tal-PESCO, skont l-Artikoli 4(2)(g) u 9 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-PESCO, il-gwida pprovduta fin-notifika tal-PESCO kif ukoll id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sett komuni ta' regoli ta' governanza.

CARD

23. Jistenna bil-ħerqa t-tnedija tal-ewwel ċiklu sħiħ tal-CARD li jibda bi djalogi bilaterali dwar il-CARD f'Settembru 2019, bil-għan li fil-ħarifa tal-2020 il-Ministri jingħataw rieżami komprensiv tal-istat tax-xenarju tal-kapaċitajiet Ewropej. Billi tiegħu benefiċċju mill-Każijiet ta' Kuntesti Strateġiċi li jmiss, il-CARD ser tidentifika wkoll, bl-involvement tal-partijiet ikkonċernati rilevanti, aktar opportunitajiet ta' kooperazzjoni li ser jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-Prijoritajiet tal-Iżvilupp tal-Kapaċitajiet miftiehma tal-UE, li jinkludu wkoll l-Għanijiet ta' Kapaċità ta' Impatt Għoli, bil-għan li jiġi żviluppat sett koerenti ta' kapaċitajiet li jistgħu jintużaw, jiġu skjerati, u li jkunu interoperabbli u sostenibbli.
24. Jirrikonoxxi li l-koerenza fir-riżultat bejn il-CARD, kif ukoll il-Pjan ta' Żvilupp tal-Kapaċitajiet, u l-proċessi rispettivi tan-NATO, bħall-Proċess tal-Ippjanar tad-Difiża tan-NATO (NDPP), ġiet u ser tkompli tiġi żgurata fejn ikun hemm rekwiżiti komuni u filwaqt li tiġi rikonoxxuta n-natura differenti taż-żewġ organizzazzjonijiet u r-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom.

Fond Ewropew għad-Difiża

25. Jistenna bil-ħerqa l-adozzjoni u l-implimentazzjoni rapida tal-Fond Ewropew għad-Difiża, wara l-fehim komuni li ntlaħaq fi Frar mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill dwar ir-Regolament relatat u ladarba jintlaħaq ftehim ġenerali dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) għall-2021-2027. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza tal-Fond biex jgħin fit-titjib tal-kompetittività, l-effiċjenza u l-kapaċità ta' innovazzjoni tal-EDTIB fl-Unjoni kollha. Il-Kunsill jilqa' wkoll ir-rwol previst tal-FEŻ fil-promozzjoni ta' teknoloġiji rivoluzzjonarji fil-qasam tad-difiża.
26. Jilqa' l-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża (EDIDP, 2019-2020), b'mod partikolari l-adozzjoni f'Marzu tal-programm ta' ħidma pluriennali tiegħu, li jidentifika l-kategoriji ta' proġetti li jinvolvu kooperazzjoni transfruntiera Ewropea u li għandu fil-mira proġetti ta' kooperazzjoni b'valur miżjud tal-UE, u l-pubblikazzjoni tas-sejħa għal proposti f'April ta' din is-sena. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jistenna bil-ħerqa s-sottomissjoni ta' proposti għal proġetti ambizzjużi f'konformità mal-kriterji tal-għoti tal-EDIDP.
27. Jilqa' l-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-Azzjoni Preparatorja fuq ir-Riċerka dwar id-Difiża (PADR, 2017-2019) kif ukoll l-adozzjoni tal-programm ta' ħidma tagħha għall-2019 u l-pubblikazzjoni tas-sejħa relatata għall-proposti.

Ġabra waħda ta' forzi

28. Ifakkar li, peress li l-Istati Membri għandhom biss "ġabra waħda ta' forzi" li jistgħu jużaw f'oqfsa differenti, l-iżvilupp tal-kapaċitajiet ta' difiża tal-Istati Membri fil-qafas tal-UE b'hekk ser jgħin ukoll biex isahha dawn il-kapaċitajiet, li potenzjalment huma disponibbli għal oqfsa oħra, inkluż in-Nazzjonijiet Uniti u n-NATO.

Kooperazzjoni UE-NATO

29. Filwaqt li jtenni l-konklużjonijiet tiegħu tas-6 ta' Diċembru 2016, tad-19 ta' Ġunju 2017, tal-5 ta' Diċembru 2017 u dawk tad-19 ta' Novembru 2018 u l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2018 u filwaqt li jikkunsidra li l-UE u NATO kkondividew valuri u għadhom jiffaċċaw sfidi ta' sigurtà komuni, jilqa' r-raba' rapport ta' progress ippreżentat b'mod konġunt mir-Rappreżentant Għoli/Viċi President/Kap tal-Aġenzija u s-Segretarju Ġenerali tan-NATO dwar l-implimentazzjoni tas-sett komuni ta' proposti (total ta' 74 azzjoni) li jenfasizza l-kisbiet ewlenin, inkluż fl-oqsma tad-djalogu politiku, il-mobbiltà militari, il-ġlieda kontra t-theddid ibridu, l-eżerċizzji paralleli kkordinati kif ukoll il-kapaċitajiet tad-difiża.
30. F'dan il-kuntest, jilqa' l-fatt li żdied il-livell ta' djalogu politiku bejn iż-żewġ organizzazzjonijiet, kemm f'ambjenti formali kif ukoll informali, bħala għodda essenzjali biex ikompli jissaħħa il-fehim reċiproku, tinbena l-fiduċja u tiġi żgurata t-trasparenza kif ukoll l-impenn qawwi tal-Istati Membri, u jistenna bil-ħerqa li l-aġġornamenti trasversali reċiproċi jitkomplew b'mod ibbilanċjat. Barra minn hekk, il-Kunsill jenfasizza l-importanza tal-kunċett tal-Eżerċizzju Parallel u Kkoordinat (PACE) u jħeġġeġ kemm lill-UE kif ukoll lin-NATO biex ikomplu dawn l-eżerċizzji b'mod aktar strutturat abbażi tat-tagħlimiet identifikati fl-2017 u l-2018. Huwa jistieden lir-Rappreżentant Għoli, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni u s-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill u f'konsultazzjoni man-NATO, biex tippreżenta proposta għall-futur tal-kunċett PACE. Barra minn hekk, il-Kunsill jilqa' l-isforzi kontinwi tal-UE u tan-NATO għall-koordinazzjoni tal-attivitajiet tagħhom dwar is-sigurtà u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet tad-difiża għall-pajjiżi sħab u jinkoraġġixxi aktar diskussjoni dwar l-approfondiment tal-kooperazzjoni f'dan il-qasam. Il-Kunsill jilqa' wkoll il-kooperazzjoni msaħħa fil-ġlieda kontra t-terroriżmu. Filwaqt li jirrikonoxxi l-importanza ta' kooperazzjoni operazzjonali u tattika kontinwa fuq il-post, il-Kunsill jenfasizza l-importanza li tiġi żgurata l-interoperabbiltà, speċjalment fil-kuntest ta' operazzjonijiet ta' maniġġar ta' kriżijiet.

31. Filwaqt li jirrikonoxxi l-passi importanti 'l quddiem dwar l-għarfien tas-sitwazzjoni pprovdut minn analiżijiet paralleli u kkoordinati ta' intelligence, il-Kunsill japprezza wkoll il-progress sinifikanti fil-ġlieda kontra t-theddid ibridu li nkiseb miċ-Ċentru Ewropew ta' Eċċellenza f'Helsinki għall-Ġlieda Kontra t-Theddid Ibridu. Iċ-Ċentru jkompli jipprovi appoġġ f'oqsma ewlenin bħat-taħriġ u l-eżerċizzji permezz ta' avvenimenti edukattivi ddedikati għall-Istati Membri tal-UE kif ukoll għall-Alleati tan-NATO. Il-Kunsill jenfasizza wkoll il-ħtieġa li tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO dwar id-difiża ċibernetika.
32. Jenfasizza l-importanza ta' skambju mingħajr xkiel ta' informazzjoni bejn l-UE u n-NATO, b'mod inklużiv u mhux diskriminatorju, għat-tisħiħ u t-titjib ulterjuri tal-kooperazzjoni bejn iż-żewġ organizzazzjonijiet, filwaqt li jiġu segwiti l-eżempji tajbin fil-qasam tal-mobbiltà militari. F'dan ir-rigward, filwaqt li jibni fuq it-tagħlimiet meħuda mill-implimentazzjoni pilota tal-kunċett PACE, il-Kunsill jinkoraġġixxi wkoll skambju msaħħaħ ta' informazzjoni klassifikata u mhux klassifikata fl-eżerċizzji tal-PACE fil-ġejjieni bħala l-ewwel pass għal skambju ta' informazzjoni f'sitwazzjonijiet reali ta' kriżi.
33. Il-Kunsill jirriafferma li l-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO ser tkompli sseħħ fi spirtu miftuħ u trasparenti għalkollox, b'rispett sħiħ lejn l-awtonomija tat-teħid tad-deċiżjonijiet u l-proċeduri taż-żewġ organizzazzjonijiet u b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri kollha u bl-involvement sħiħ tagħhom. Hija bbażata fuq il-prinċipji ta' inklużività u reċiproċità mingħajr preġudizzju għan-natura speċifika tal-politika ta' sigurtà u difiża ta' kwalunkwe Stat Membru.
34. Ifakkar li l-kooperazzjoni tan-NATO mal-Istati Membri tal-UE li mhumieq membri tan-NATO hija parti integrali tal-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jilqa' l-kontribut pożittiv tal-Istati Membri tal-UE li mhumieq membri tan-NATO għall-attivitajiet tan-NATO. Dawn l-attivitajiet huma parti integrali mill-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO u l-Kunsill jappoġġa bis-sħiħ il-kontinwazzjoni tagħhom.

35. Ifakkar li l-implimentazzjoni tas-sett komuni ta' proposti hija proċess kontinwu u fuq terminu twil, li jirrikjedi impenn sostnut u sforzi konġunti mill-partijiet interessati kollha. F'dan ir-rigward, huwa jistieden lir-Rappreżentant Għoli/Viċi President/Kap tal-Aġenzija biex tkompli bil-progress fl-implimentazzjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, filwaqt li tiżgura l-involvement u t-trasparenza totali tagħhom, u jistenna b'interess li jirċievi r-rapport li jmiss, li għandu jintbagħat b'mod konġunt f'Ġunju 2020.

UE-NU

36. Itenni l-impenn sod tal-UE, flimkien mal-Istati Membri tagħha, għal Nazzjonijiet Uniti b'saħħitha bħala l-pedament tal-ordni multilaterali bbażata fuq ir-regoli, ifakkar li s-sħubija man-NU tikkontribwixxi biex l-UE taqdi r-rwol tagħha bħala attur globali għall-paċi u s-sigurtà b'appoġġ għal multilateraliżmu effettiv u, f'dan ir-rigward, jilqa' l-progress li sar kif rifless fir-rapport ta' implimentazzjoni dwar is-Sħubija Strateġika NU-UE dwar l-Operazzjonijiet ta' Paċi u l-Ġestjoni ta' Kriżijiet: Prijoritajiet għall-2019-2021.

Sħubijiet

37. Jenfasizza l-importanza li titmexxa 'l quddiem il-kooperazzjoni għall-paċi, is-sigurtà u d-difiża ma' organizzazzjonijiet sħab u ma' pajjiżi sħab u jenfasizza l-ħtieġa għal approċċ strateġiku dwar is-sħubijiet, f'konformità mal-Istrateġija Globali tal-UE u konklużjonijiet preċedenti tal-Kunsill. F'dan il-kuntest, huwa jilqa' r-rapport annwali tal-2018 dwar il-kooperazzjoni tal-PSDK mal-pajjiżi sħab.

Artikolu 42.7 TUE u Artikolu 222 TFUE

38. Il-Kunsill jistieden lill-Istati Membri biex jiddiskutu t-tagħlimiet identifikati wara l-ewwel attivazzjoni tal-Artikolu 42.7 TUE u jfakkar fl-importanza tal-Assistenza u/jew is-Solidarjetà Reċiproka f'konformità mal-Artikolu 42.7 TUE u l-Artikolu 222 TFUE. Il-Kunsill ifakkar, li għal dawk l-Istati li huma membri tagħha, in-NATO tibqa' l-pedament tad-difiża kollettiva tagħhom u l-forum għall-implimentazzjoni tagħha. Il-karattru speċifiku tal-politika tas-sigurtà u d-difiża tal-Istati Membri kollha tal-UE ser jiġi rispettat bis-sħiħ.

Il-ġlieda kontra t-theddid ibridu

39. Filwaqt li jenfasizza li t-theddid ibridu għandu natura multidimensjonali u li dejjem tevolvi, u filwaqt li jfakkar li r-responsabbiltà primarja fil-ġlieda kontra t-theddid ibridu hija tal-Istati Membri, jilqa' r-Rapport dwar l-implimentazzjoni tal-Qafas Konġunt dwar il-Ġlieda kontra t-Theddid Ibridu (2016) u l-Komunikazzjoni Konġunta dwar iż-Żieda fir-Reżiljenza u t-Tisħiħ tal-Kapaċitajiet biex jiġi indirizzat it-Theddid Ibridu (2018). L-implimentazzjoni kemm tal-Qafas Konġunt kif ukoll tal-Komunikazzjoni Konġunta mxiet 'il quddiem b'pass tajjeb, li ssaħħa wara l-attakk ta' Salisbury, b'mod partikolari fir-rigward tal-għarfien tas-sitwazzjoni, il-komunikazzjoni strateġika, ir-riskji kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi u nukleari, iċ-ċibersigurtà u l-counter-intelligence. Il-Kunsill jilqa' wkoll il-progress li sar fir-rigward tal-istħarriġ dwar ir-riskju ibridu li sar fl-Istati Membri (azzjoni 1 tal-Qafas Konġunt) u jistieden lill-Kummissjoni u lis-SEAE jenfasizzaw il-vulnerabbiltajiet identifikati permezz ta' din l-azzjoni f'konformità mal-konklużjonijiet tiegħu tas-6 ta' Ġunju 2019.
40. Jilqa' l-firxa dejjem tikber ta' miżuri ta' rispons possibbli fil-livell tal-UE, inkluż it-twaqqif tar-reġim awtonomu ta' sanzjonijiet ċibernetiċi bħala parti mis-sett ta' għodod taċ-ċiberdiplomazija u tar-reġim ta' sanzjonijiet awtonomi kontra l-użu ta' armi kimiċi.
41. Jilqa' rispons koordinat għad-diżinformazzjoni permezz tal-Pjan ta' Azzjoni kontra d-Diżinformazzjoni u l-ħolqien tas-Sistema ta' Twissija Rapida flimkien mal-Istati Membri biex titjeb il-kondiviżjoni tal-informazzjoni. Il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli għal sforzi kontinwi u kkoordinati biex jissalvagwardjaw is-sistemi demokratiċi tal-Unjoni u biex jiġġieldu kontra t-theddid immedjat u fit-tul li jinholq mid-diżinformazzjoni, bħala parti integrali mit-tisħiħ tar-reżiljenza tal-UE kontra t-theddid ibridu.

42. Jenfasizza li hemm previst ħidma ulterjuri kemm għall-Istati Membri kif ukoll għall-UE biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tagħhom u jiġu stabbiliti approċċi mill-perspettiva tas-soċjetà u tal-gvern, kif ukoll biex jissaħħu l-kapaċitajiet tagħhom biex jindirizzaw it-theddid ibridu, inkluż fl-oqsma taċ-ċibersigurtà, il-komunikazzjoni strateġika u l-counter-intelligence. Din il-ħidma għandha tiġi kkoordinata u mtejba fis-setturi ta' politika rilevanti kollha, inkluż ir-rabta bejn is-sigurtà interna u dik esterna. Filwaqt li jqis il-kapaċità ta' analiżi awtonoma tal-UE stess, il-Kunsill jenfasizza wkoll l-importanza li tkompli tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-Istati Membri u dik tas-sħab, f'kooperazzjoni mill-qrib mas-sħab bħan-NATO.
43. Jistenna bil-ħerqa li jkompli jitjieb l-għarfien tas-sitwazzjoni, b'mod partikolari permezz taċ-Ċellola ta' Fużjoni tal-UE Kontra t-Theddid Ibridu.
44. Jappella għal aktar sforzi konġunti biex jiġu protetti l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE, l-informazzjoni, in-netwerks ta' komunikazzjoni u l-proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet tagħhom minn attivitajiet ostili ta' atturi malizzjużi.

Ċiberdifiża

45. Jenfasizza li, sabiex jirreaġixxu għall-isfidi tas-sigurtà li qed jevolvu, l-UE u l-Istati Membri tagħha jridu jsaħħu u jiżviluppaw aktar kapaċitajiet b'saħħithom ta' ċibersigurtà u ċiberdifiża, filwaqt li jieħdu vantaġġ minn, fost l-oħrajn, il-Każ ta' Kuntest Strateġiku relatat li jmiss dwar iċ-Ċiberdifiża. Il-Kunsill jenfasizza li iċ-ċiberspazju huwa qasam importanti ta' operazzjonijiet, u li l-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-UE huma dejjem aktar dipendenti fuq aċċess mhux interrott għal ċiberspazju sikur.
46. Jilqa' l-progress fl-implimentazzjoni tal-Qafas ta' Politika tal-UE dwar iċ-Ċiberdifiża u jinkoraġġixxi aktar ħidma, billi jiġu appoġġati l-iżvilupp tal-kapaċitajiet taċ-ċiberdifiża tal-Istati Membri tal-UE kif ukoll it-tisħiħ tal-protezzjoni ċibernetika tal-infrastruttura ta' sigurtà u ta' difiża tal-UE.

Għarfien tas-sitwazzjoni

47. Jilqa' l-progress li sar fit-titjib tal-kapaċitajiet tal-Kapaċità Unika ta' Analiżi tal-Intelligence (SIAC) bħala l-qafas funzjonali għall-kooperazzjoni bejn iċ-Ċentru ta' Analiżi tal-Intelligence u tas-Sitwazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea u d-Direttorat tal-Intelligence tal-Persunal Militari tal-Unjoni Ewropea, biex jiżdied b'mod sinifikanti l-għarfien tas-sitwazzjoni Ewropea. Il-Kunsill jenfasizza wkoll il-kontribut siewi taċ-Ċentru Satellitari tal-UE għal dan l-isforz.
48. Jappella għal appoġġ saħansitra aktar kontinwu tal-SIAC mill-Istati Membri permezz ta' prodotti ta' analiżi mis-servizzi ta' intelligence tagħhom, u jinkoraġġixxi li jiġi esplorat kif it-tagħlimiet meħuda mit-titjib reċenti fil-kooperazzjoni tal-UE fil-qasam tad-difiża jistgħu jkunu ta' użu għal aktar titjib tal-kooperazzjoni fl-analiżi tal-intelligence tal-UE u l-għarfien tas-sitwazzjoni.

Sfidi tal-enerġija

49. Jappella għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni fl-indirizzar tal-isfidi tas-sigurtà tal-enerġija, inkluż permezz tal-effiċjenza enerġetika, soluzzjonijiet ta' enerġija rinnovabbli u l-protezzjoni tal-infrastruttura kritika tal-enerġija. Jilqa' l-progress kollu li sar fil-kuntest tal-Forum ta' Konsultazzjoni dwar l-Enerġija Sostenibbli fis-Settur tad-Difiża u tas-Sigurtà (CF SEDSS) mit-tnedija tiegħu fl-2016 u jistenna bil-ħerqa l-fażi li jmiss tal-CF SEDSS kif ġie mħabbar f'Bukarest fit-12 ta' Ġunju 2019. Jistieden lill-Istati Membri, lis-SEAE, lill-Kummissjoni u lill-EDA jiżviluppaw soluzzjonijiet konkreti fi ħdan is-settur tad-difiża għal mudelli sikuri u sostenibbli ta' enerġija li jwasslu għal aktar reżiljenza u effiċjenza operazzjonali anke fil-kuntest tat-tibdil fil-klima f'konformità mal-konklużjonijiet rilevanti tal-Kunsill.

Mobbiltà Militari

50. Filwaqt li jfakkar fil-konklużjonijiet tiegħu tal-25 ta' Ġunju 2018 u tad-19 ta' Novembru 2018, jilqa' l-implimentazzjoni kontinwa tal-isforzi biex tittejjeb il-mobbiltà militari kemm fil-livell tal-UE kif ukoll mill-Istati Membri, b'mod koerenti u koordinat u f'kooperazzjoni mill-qrib man-NATO bħala parti mill-qafas tal-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjonijiet Konġunti. Huwa jtenni l-importanza li jinżamm l-involviment mill-Istati Membri u l-awtoritajiet nazzjonali rilevanti kollha, b'rispett sħiħ lejn is-sovranià nazzjonali tagħhom, it-teħid ta' deċiżjonijiet, il-liġijiet u r-regolamenti, inkluż dwar il-movimenti militari, l-investimenti fl-infrastruttura tat-trasport u r-regoli u l-prinċipji ambjentali. Kwalunkwe deċiżjoni ser tittieħed każ b'każ u wara l-involviment sħiħ mill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti kollha.
51. Jappella għall-avvanz tal-proġetti tal-PESCO relatati kif ukoll għall-issodisfar tal-erba' miżuri fil-livell nazzjonali sa tmiem l-2019, kif ġie maqbul fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-sigurtà u d-difiża tal-25 ta' Ġunju 2018, b'mod partikolari l-paragrafu 18 ta' dawk il-konklużjonijiet. Il-Kunsill ser jeżamina mill-ġdid u jivvaluta malajr kemm jista' jkun il-progress miksub fl-implimentazzjoni ta' dawn l-erba' miżuri nazzjonali inkluż billi jiddefinixxi, jekk possibbli, objettivi aktar ambizzjużi marbutin biż-żmien. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jappella wkoll għal koordinazzjoni mill-qrib bejn l-UE u n-NATO biex jiġu definiti rwoli u responsabbiltajiet simili għall-Punti Nazzjonali ta' Kuntatt għall-Mobbiltà Militari, u anke biex jikkoordinaw mill-qrib dwar l-attivitajiet relatati mad-dwana, inkluż id-diġitalizzazzjoni.

52. Jilqa' l-ewwel Rapport ta' Progress dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Mobbiltà Militari mir-Rappreżentant Għoli u l-Kummissjoni, inkluż il-progress tajjeb u r-risultati tanġibbli f'oqsma ewlenin. B'mod partikolari, ir-Rekwiżiti Militari għall-Mobbiltà Militari fi ħdan l-UE u lil hinn minnha, approvati mill-Kunsill f'Novembru 2018, ġew analizzati b'mod konġunt mill-Kummissjoni u s-SEAE/EUMS sabiex jiġu identifikati d-diskrepanzi bejn ir-rekwiżiti militari u l-parametri tan-Netzwerk Trans-Ewropew tat-Trasport (TEN-T), filwaqt li jitqiesu l-fattibbiltà, it-tagħmir eżistenti u l-vijabilità teknika, il-kunsiderazzjonijiet finanzjarji u tal-inġinerija kif ukoll ir-realtajiet ġeografiċi. Filwaqt li jqis l-analiżi tad-diskrepanzi, il-Kunsill iħares 'il quddiem lejn l-aġġornament rapidu tar-rekwiżiti militari tekniċi u ġeografiċi. Ir-Rekwiżiti Militari aġġornati mbagħad ser jipprovdu l-bażi għall-ħidma ulterjuri tal-Kummissjoni dwar id-definizzjoni tar-rekwiżiti tal-infrastruttura tat-trasport b'użu doppju f'kooperazzjoni u konsultazzjoni mal-Istati Membri.
53. Jinnota li fit-2 ta' Mejju 2018, il-Kummissjoni pproponiet pakkett ta' mobbiltà militari ta' EUR 6.5 biljun bħala parti mill-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) fl-2021-2027 biex jiġu kofinanzjati proġetti ċivili-militari ta' infrastruttura tat-trasport b'użu doppju. Jinnota wkoll li fis-7 ta' Marzu 2019, il-koleġislaturi laħqu fehim komuni dwar it-test tar-Regolament FNE mad-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-finanzjament ta' proġetti b'użu doppju fis-seħħ, li ser jiżgura li l-azzjonijiet jindirizzaw kemm it-TEN-T kif ukoll it-taqsimiet u n-nodi identifikati mill-Istati Membri fl-Annessi għar-Rekwiżiti Militari. L-allokazzjonijiet finanzjarji għall-FNE ser jiġu finalizzati bħala parti min-negozjati dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027.
54. Barra minn hekk, it-test tar-Regolament FNE jipprevedi li l-Kummissjoni tadotta att ta' implimentazzjoni li jispeċifika r-rekwiżiti infrastrutturali applikabbli għal infrastruttura b'użu doppju (utli kemm għal skopijiet ċivili kif ukoll militari). F'dan ir-rigward, il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni biex tinvolvi b'mod sħiħ lill-Istati Membri, lis-SEAE u lill-partijiet interessati rilevanti kollha meta tabbozza dan l-att ta' implimentazzjoni. Itenni wkoll l-impenn tal-Istati Membri biex jidentifikaw it-titjib meħtieġ tal-infrastruttura tat-trasport eżistenti jew ġdida sal-aħħar tal-2020.

55. Jilqa' l-progress li nkiseb fl-azzjonijiet li qed jiġu implimentati fil-qafas tal-EDA fir-rigward tal-permessi tal-moviment transfruntier, l-oqfsa legali nazzjonali, it-trasport ta' oġġetti perikolużi kif ukoll id-dwana; jilqa' f'dan il-kuntest it-tnedija tal-programm ad hoc dwar il-proċeduri ta' permessi ta' moviment transfruntier fl-Ewropa.
56. Jinkoraġġixxi l-implimentazzjoni ulterjuri tal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Mobbiltà Militari, b'mod partikolari: l-emenda tal-leġislazzjoni doganali tal-UE, l-adozzjoni rapida tal-proposta tal-Kummissjoni relatata mat-trattament tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) u tad-dazju tas-sisa ta' sforzi ta' difiża fi ħdan il-qafas tal-Unjoni, u azzjonijiet relatati mat-trasport ta' oġġetti perikolużi.
-